# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 37**

**Rikors numru 17/2021/1 FDP**

**Fair Trading Limited (C 44369)**

**v.**

**Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, u l-Avukat Abigail Critien "*de propio*" u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia "*de propio*"**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ippreżentat mis-soċjeta` Fair Trading Limited fil-11 ta' Jannar, 2021, li permezz tiegħu ngħad:

> "1) Illi s-Soċjetà Esponenti kienet parti f'Kawża li kienet pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "Fair Trading Limited (C44369) vs. Avukat Abigail Critien (I.D. 64682 M) "de propio" et.," bin-numru progressiv 177/2020 MH, liema Rikors kien ġie irtirata b'mod volontarju mill-istess Soċjetà Esponenti Seduta stante fit-30

ta' Ottubru 2020 (Ara Kopja ta' l-istess Seduta li qegħdha tiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok "A");

2) Illi dan l-istess Rikors qed jiġi ppreżentat a tenur tal-Artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) Illi riċentament, wara li l-istess Soċjetà Esponenti rtirata b'mod volontarju mill-imsemmija Kawża, inħadmet it-Taxxa mir-Reġistratur Qrati Ċivili w Tribunali li kopja tagħha qegħdha tiġi hawn annessa w immarkat bħala Dokument "B;"

4) Illi meta r-rappreżentant ta' l-istess Soċjetà Esponenti indaga dwar il-bażi biex inħadmet l-imsemmija taxxa, huwa ottjena Dokument li minnu jirriżulta illi l-istess taxxa kienet inħadment fuq il-bażi tas-somma ta' € 100,000.00 (Ara Kopja tad-Dokument li qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok "C");

5) Illi dejjem skond daka l-istess Dokument "C," is-Suġġett ta' kif inħadmet l-istess Taxxa hija dika ta' ***"LIKWIDAZZJONI DANNI"*** tal-Valur ta' € 100000.00;

6) Illi sa fejn taf l-istess Soċjetà Esponenti, fil-Kawża fl-ismijiet ***"Fair Trading Limited (C44369) vs. Avukat Abigail Critien (I.D. 64682 M) "de propio" et.,"*** bin-numru progressiv 177/2020 MH, imkien ma kienet ġiet imsemmija s-somma ta' € 100,000.00;

7) Illi sa fejn taf l-istess Soċjetà Esponenti, t-talbiet kollha ta' l-istess Soċjetà Esponenti fl-istess Kawża bin-numru progressiv 177/2020 MH ma jindikawx xi ammonti partikolari iżda fost affarijiet oħra talbiet għal somom ***DA LIQUIDARSI,*** ossija:

***"....Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;[1]***

***Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-Esponenti, filwaqt li jġibu il-premess a formali konjizzjoni ta' Dina l-istess l-Onorabbli Qorti, qed jitlob bir-rispett illi Dina l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha:***

***(1) Tiddikjara w tiddeċiedi li l-istess Intimata Avukat Abigail Critien kif ukoll xi ħud mill-Avukati ta' l-istess Uffiċju ta' Mifsud Bonnici Associates, bl-aġir kontinwat u skorret tagħhom, kisru l-obbligi minnhom assunti ai termini tal-ftehim***

[1] ***"Fair Trading Limited (C44369) vs. Avukat Abigail Critien (I.D. 64682 M) "de propio" et"*** bin-numru progressiv 177/2020 MH

***ta' bejn il-partijiet ossija, l-mandat speċifiku li kien ingħata lill istess Illum l-Onorevoli Mħallef Dr. Joanne Vella Cuscieri biex tiddefendi l-interessi ta' l-istess Soċjetà Esponenti Fair Trading Limited (C44369):***

***(a) Fil-Kawża Ċit. Nu: 04/14 GM, "Fair Trading Limited (C44369) vs. Green MT Limited (C42136)" (6 ta' Jannar 2014);***

***(ii) Fil-Mandat ta' Inibizzjoni Nu: 1785/2013 "Fair Trading Limited (C44369) vs. Green MT Limited (C42136);" (19 ta' Novembru 2013);***
***(iii) Fil-Mandat ta' Sekwestru 1914/2013 "Fair Trading Limited (C44369) vs. Green MT Limited (C42136);" (18 ta' Diċembru 2013);***

***(2) Tiddikjara w tiddeċiedi li l-istess Intimata Avukat Abigail Critien kif ukoll xi ħud mill-Avukati ta' l-istess Uffiċju ta' Mifsud Bonnici Associates, bl-aġir kontinwat u skorret tagħhom, kemm l-Esponenti Publius sive Leo Said kif ukoll is-Soċjetà Esponenti Fair Trading Limited (C44369) sofrew preġudizzji kbar fil-konfront tagħhom anke quddiem Dawna l-Onorabbli Qrati, w għalhekk Dina l-Onorabbli Qorti qegħdha tikkundanna lill istess Intimata Avukat Abigail Critien kif ukoll xi ħud mill-Avukati ta' l-istess Uffiċju ta' Mifsud Bonnici Associates f'DOLO, CULPA w MORA għall-finijiet w effetti kollha tal-liġi;***

***(3) Tiddikjara w tiddeċiedi li l-istess illum il-mejjet is-Sur John A. Said, li l-istess Esponenti Publius sive Leo Said, it-tnejn bħala l-"Managing Director" u bħala l-"main Shareholder" tas-Soċjetà Esponenti Fair Trading Limited (C44369), kif ukoll l-istess Soċjetà Esponenti Fair Trading Limited (C44369), kienu dejjem ħalsu permezz ta' numru ta' ċekkijiet lill istess illum l-Onorevoli Mħallef Dr. Joanne Vella Cuscieri kif ukoll lill istess Avukat Carina Bugeja Testa biex setgħu jsiru n-Negozzjati li finalment waslu għall-iffirmar ta' l-istess iskrittura tal-15 t'Ottubru 2013 w fuq kollox biex setgħu saru w fuq kollox biex jitmexxew il-Kawżi suriferiti[2] w li***

---

2 **(i) In-Negozzjar u l-iffirmar ta' l-istess iskrittura tal-15 t'Ottubru 2013;**

**(ii) Kawża Ċit. Nu: 04/14 GM, *"Fair Trading Limited (C44369) vs. Green MT Limited (C42136)"* (6 ta' Jannar 2014);**

**(iii) Mandat ta' Inibizzjoni Nu: 1785/2013 *"Fair Trading Limited (C44369) vs. Green MT Limited (C42136*);" (19 ta' Novembru 2013);**

***għalhekk Intimata Avukat Abigail Critien kif ukoll xi ħud mill-Avukati ta' l-istess Uffiċju ta' Mifsud Bonnici Associates b'mod abbużiv tas-sistema legali w fuq kollox b'mod illeċitu, s-sekkwestraw dawk l-ammonti kollha li għad jridu jiġu stabbeliti okkorendo n-nomina ta' periti nominandi;***

***(4) Tiddikjara w tiddeċiedi illi l-istess Intimata Avukat Abigail Critien kif ukoll xi ħud mill-Avukati ta' l-istess Uffiċju ta' Mifsud Bonnici Associates, bl-aġir kontinwat u skorret tagħhom huma responsabbli għad-danni sofferti mis-Soċjetà Rikorenti b'konsegwenza tal-ksur tal-obbligi tagħhom ai termini tal-mandat speċifiku li kien ingħata lill istess Illum l-Onorevoli Mħallef Dr. Joanne Vella Cuscieri kif ukoll lill istess Avukat Carina Bugeja Testa biex jiddefendu l-interessi ta' l-istess Soċjetà Esponenti Fair Trading Limited (C44369);***

***(5) Tillikwida d-danni kollha w is-somma kollha kemm dawk materjali kif ukoll dak mhux materjali w li huma hekk dovuti sad-data tad-deċiżjoni finali fuq dan ir-rikors ġuramentat mill-istess Intimata Avukat Abigail Critien kif ukoll minn xi ħud mill-Avukati ta' l-istess Uffiċju ta' Mifsud Bonnici Associates lis-Soċjetà Esponenti Fair Trading Limited (C44369) ai termini tal-mandat speċifiku li kien ingħata lill istess Illum l-Onorevoli Mħallef Dr. Joanne Vella Cuscieri kif ukoll lill istess Avukat Carina Bugeja Testa biex jiddefendu l-interessi ta' l-istess Soċjetà Esponenti Fair Trading Limited (C44369), okkorendo n-nomina ta' periti nominandi;***

***(6) Tordna l-ħlas mill-istess Intimata Avukat Abigail Critien kif ukoll minn xi ħud mill-Avukati ta' l-istess Uffiċju ta' Mifsud Bonnici Associates lis-Soċjetà Esponenti Fair Trading Limited (C44369) tas-somma kif hekk likwidata ai termini tat-talbiet suesposti bl-imgħaxijiet ta' 8% skond il-liġi mid-data li d-diversi obbligi minnhom assunti ai termini tal-ftehim ta' bejn il-partijiet ossija, l-mandat speċifiku li kien ingħata lill istess Illum l-Onorevoli Mħallef Dr. Joanne Vella Cuscieri kif ukoll lill istess Avukat Carina Bugeja Testa biex jiddefendu l-interessi ta' l-istess Soċjetà Esponenti Fair Trading Limited (C44369) u li jkun saru hekk dovuti kif ukoll mid-data tad-***

---

**(iv) Mandat ta' Inibizzjoni 1914/2013 *"Fair Trading Limited (C44369) vs. Green MT Limited (C42136);"* (18 ta' Diċembru 2013);**

***danni hekk sofferti mill-istess Soċjetà Esponenti Fair Trading Limited (C44369);***

***(7) Tillikwida d-danni sofferti mis-Soċjetà Esponenti Fair Trading Limited (C44369) dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn Dina l-Onorabbli Qorti in linea ta' danni kif miktuba;***

***B'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill istess Esponent Soċjetà Esponenti Fair Trading Limited (C44369), bl-imgħax legali, w bl-ispejjeż hekk reklamati w li huma sa issa riservati...."***

8) Illi prinċipji bażiljarji aċċettat anke minn Dawna l-istess Onorabbli Qrati huwa l-prinċipju bażiljarju ***QUOD NON EST IN ACTIS, NON EST IN MUNDO*** li tfisser li ***"Dak li mhux fid-dokumenti ma jeżistix"*** u l-prinċipju bażiljarju simili ***QUOD NON EST IN REGISTRO, NON EST MUNDO*** li tfisser illi ***"Dak li mhux irrappurtat fir-reġistru (relatat, li jirreferi), ma għandux rilevanza legali;"***

9) Illi dawna ż-żewġ l-prinċipji bażiljarji huma użati meta att formali (ġeneralment reġistrazzjoni jew traskrizzjoni) huma meħtieġ sabiex jagħti konsistenza, kontenut jew effikaċja lill xi Dritt jew Att partikolari;

10) Illi fil-Kawża ***"Carmelo Zammit vs Kummissjoni Għall-Kontroll Ta' L-Iżvilupp,"*** il-Qorti tal-Appell kienet iddeċidiet illi:[3]

***"....Il-massima QUOD NON EST IN ACTIS NON EST IN MUNDO hija bażilari f'kull sistema proċedurali ta' l-ordinament ġuridiku. Hemm żewġ korrolarji prinċipali ta' din il-massima:***

- ***L-ewwel wieħed huwa li dak li jiġri, li jissuċċiedi, fit-tribunal waqt it-trattazzjoni ta' kawża għandu jirriżulta biss mill-verbali redatti mit-Tribunal stess. Jew alternattivament, f'dawk il-każijiet fejn il-ġudikant jirrifjuta li jirreġistra fatt rilevanti għall-kawża, l-parti għandha tippreżenta Nota jew rikors seduta stante sabiex min ikun qed jippresjedi t-Tribunal jkun fil-posizzjoni li jipprovdi fuq il-fatt. Edba ġudikant infatti m'għandu jinbidel f'xhud ta' dak li ġara quddiemu fl-udjenza***

[3] Deċiża fl-10 ta' Ottubru 1995 mill-Onorevoli Mħallfin Mifsud Bonnici Giuseppe, Agius Carmel A., Arrigo Noel V.

***w la huwa w l-anqas l-uffiċjali l-oħra tat-Tribunal ma huma ammessi bħala xhieda fuq ir-RES GESTAE ta' l-udjenzi.***

- ***It-tieni korrolarju huwa li t-Tribunal għal dawk li huma l-fatti li fuqhom irid jiddeċidi, jridu jirriżultaw mill-atti w l-ġudikant ma jistax juża jew jagħmel riferiment għal fatti, anke jekk huwa personalment ikun jaf bihom, jekk dawn ma jirriżultawx mill-atti tal-kawża. Dawn il-korrolarji, naturalment, huma ġuridikament saldati mill-prinċipju, daqstant ieħor bażilari, illi l-fatti kollha rilevanti għall-kawża jridu jkunu għad-disposizzjoni ta' kull min huwa interessat fil-proċess għall-kontroll, kontestazzjoni jew/u konferma.***

***Il-kollegament ma' massima oħra tal-gustizzja proċedurali ta' AUDIATUR ET ALTERA PARA huwa ovvju...."***

11) Illi fil-Kawża ***"Mifsud Mario vs. Mifsud Carmelo,"*** il-Qorti tal-Appell kienet iddeċidiet illi:[4]

***"....Huwa minnu illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega fatt u mhux fuq min jinnegaħ.***

***Dan jgħidu espressament l-Artikolu 562 tal-Kap 12....***[5]

***....QUOD NON EST IN ACTIS, NON EST IN MUNDO.***

***Dan ukoll għar-raġuni sempliċi illi Qorti għandha tokkupa ruħha biss mill-provi in atti w mhux minn provi rikavati minn pura fantasija li mill-atti ma jirriżultawx jew huma, imbagħad, riprodotti b'mod għal kollox konfliġġenti mal-provi reali....L-ommissjoni tiegħu jew l-insuffiċċjenza tad-difiza mhiex ġustifikazzjoni, w l-Qorti jkollha, f'ċirkostanzi konsimili, taqa' fuq l-adozzjoni tal-prinċipju IUXTA ALLEGATA ET PROBATA.***[6]

***IUDEX IUXTA ALLIGATA ET PROBATA IUDICARE DEBET, NON SECUNDUM CONSCIENTIAM...."***[7]

---

[4] Deċiża fl-12 ta' Novembru 2003 mill-Onorevoli Mħallef Sciberras Philip - Reference: 1536/1999/1

[5] ***"Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."***

[6] ***"Huwa d-dmir ta' l-Imħallef li jiddeċiedi skond it-talbiet u l-provi."***

[7] ***"L-imħallef għandu jiddeċiedi skont l-allegazzjonijiet u l-provi miġjuba quddiemu, w mhux skont il-konxju tiegħu stess."***

12) Illi għalhekk, la darba t-talbiet kollha fl-istess Kawża fl-ismijiet ***"Fair Trading Limited (C44369) vs. Avukat Abigail Critien (I.D. 64682 M) "de propio" et.,"*** bin-numru progressiv 177/2020 MH kienu biss għal fost affarijiet oħra somom ***DA LIQUIDARSI,*** l-istess Taxxa fuq imsemmija fl-istess Dokument "B" ma setgħetx tinħadem fuq somma li qatt ma kienet rraffigurat ruħha fl-istess Atti Proċesswali bin-numru progressiv 177/2020 MH;

13) Illi peress li l-istess Rikors bin-numru progressiv 177/2020 MH kien ġie irtirata fi stadju bikri w fuq kollox b'mod volontarju mill-istess Soċjetà Esponenti Seduta stante fit-30 ta' Ottubru 2020, l-istess Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ma kelliex f'pożizzjoni jew aħjar ma kelliex l-opportunità li tiddikjara hija stess l-istess Valur għall-istess talbiet mgħamula mill-istess Soċjetà Esponenti, ossija għas-somom ***DA LIQUIDARSI;***

14) Illi l-anqas ma jirriżulta li l-istess Reġistratur kien b'xi mod talab lill istess partijiet jagħmlu dikjarazzjoni konġunta tal-valur tas-somom ***DA LIQUIDARSI*** għall-fini biex tinħadem l-istess Taxxa hekk mitluba minn xi ħadd mill-partijiet;

15) Illi għalhekk, l-istess Taxxa tal-Kawża bin-numru progressiv 177/2020 MH kellha tkun maħduma **biss** fuq ***PUNT TA' LIĠI*** w mhux ***AD VALOREM,*** u peress li l-istess Rikors bin-numru progressiv 177/2020 MH kien ġie irtirata fi stadju bikri w fuq kollox b'mod volontarju mill-istess Soċjetà Esponenti Seduta stante fit-30 ta' Ottubru 2020, fi kwalsijasi każ, ċertament t-taxxa ma kelliex tinħadem fuq il-valur ta' € 100,000.00 li żgur mhux il-valur li kien intalab mill-istess Soċjetà Esponenti fl-istess Atti ta' l-istess Kawża bin-numru progressiv 177/2020 MH ***per se*** (Ara Kopja ta' l-istess Seduta li qegħdha tiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok "C");

16) Illi għalhekk ukoll, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-istess Taxxa tal-Kawża bin-numru progressiv 177/2020 MH hawn annessa bħala Dokument "B" hija kkunsidrata mill-istess Soċjetà Esponenti bħala waħda eċċessiva w li kienet ġiet maħduma inkorrettament, fuq kriterji irrelevanti, w mhux skond il-proċedura stabbilita;

17) Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet premessi, s-Soċjetà Esponenti titlob umilment lill Din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha, salv kwalsijasi dikjarazzjoni oħra neċessarja w opportuna:

(1) Tiddikjara t-taxxa ta' drittijiet u spejjeż tal-Kawża fl-ismijiet ***"Fair Trading Limited (C44369) vs. Avukat Abigail Critien (I.D. 64682 M) "de propio" et.,"*** bin-numru progressiv 177/2020 MH li kopja tagħha tinsab hawn annessa bħala Dokument "B" bħala erronea w mhux skond il-liġi w għalhekk nulla w invalida;

(2) Tordna t-tħassir ta' l-istess Taxxa; w

(3) Tordna lir-Reġistratur Qrati Ċivili w Tribunali joħroġ taxxa ġdida ta' l-imsemmija Kawża ibbażata biss fuq Punt ta' Liġi;

(4) F'każ li ma tintlaqax it-talba preċedenti, tordna lir-Reġistratur Qrati Ċivili w Tribunali joħroġ taxxa ġdida ta' l-imsemmija Kawża fuq dak l-istess valur li skond Dina l-istess Onorabbli Qorti jirriżulta mill-istess Atti tal-Kawża 177/2020 ossija limitata biss fuq Punt ta' Liġi w dana dejjem għall-fini ta' l-intaxxar ta' dika l-istess Kawża, ossija tal-Kawża fl-ismijiet ***"Fair Trading Limited (C44369) vs. Avukat Abigail Critien (I.D. 64682 M) "de propio" et.,"*** bin-numru progressiv 177/2020 MH;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni ta' l-Intimati in subizzjoni."

2. Rat ir-risposta tal-Avukat Dr. Abigail Critien u l-P.L. Nadine Farrugia tas-26 ta' Frar, 2021, li permezz tagħha wieġbu:

"1. Illi preliminarjament qed tigi eccepita n-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti *stante* li kif deciz mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz ta' sentenza deciza nhar it-12 ta' Settembru 2019 bir-rikors numru 782/19JRM fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv 910/19 fl-ismijiet **Dr. Abigail Critien u l-P.L. Nadine Farrugia vs Fair Trading Limited** il-Qorti kompetenti *rationae valoris* hija l-Qorti tal-Magistrati (ara **Dok. A** hawn anness);

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-taxxa *de quo* nhadmet b'mod korrett u skont il-ligi;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kuntrarjament ghal dak li qieghed jinghad fil-premessi tal-kawza odjerna, kien ir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti Publius sive Leo Said li ndika l-ammont ta' mitt elf Euro (€100,000.00) fix-xhieda tieghu li wasslitu biex jirtira l-istess kawza u dan kif jirrizulta mit-traskrizzjoni hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. B**. Ghalhekk certament li t-taxxa relattiva ghandha tinhadem fuq l-ammont li kien qed jippretendi r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti u mhux fuq il-minimu kif issa qed jippretendi;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, l-esponenti m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu spejjez *stante* li naturalment it-taxxa mertu tal-kawza odjerna ma gietx mahduma mill-esponenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

3. Rat ir-risposta tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, tal-1 ta' Marzu, 2021, li permezz tagħha wieġeb:

"1. Illi, Fair Trading Ltd intavolat dan ir-rikors sabiex tattakka taxxa maghmula mir-Registratur fil-kawza Fair Traiding Ltd vs Av. Abigail Critien et (Rik Gur Nru 177/2020) MH ceduta fit-30 ta' Ottubru 2020 quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

2. Illi dik il-kawza, kienet dwar dikjarazzjoni ta' kundanna ghall-hlas ta' danni liema danni kellhom jigu likwidati mill-Qorti.

3. Illi peress li l-kawza giet ceduta ma gewx likwidati d-danni u ghalhekk id-dritt Registru gie mnaqqas bin-nofs peress li giet ceduta fl-ewwel seduta (para 5(1) tat-Tariffa A, Kap 12) filwaqt illi anke d-dritt avukat gie mnaqqas bin-nofs skond il-para. 29 tat-Tariffa E annessa mal-Kap. 12.

4. Illi d-deputat registratur kellu jara mill-atti tal-kawza x'valur johrog minnhom ghal finijiet ta' valur. L-unika xhieda mressqa kienet dik ta' Publius Said fejn fiha xehed "Nirringrazzjak li smajtni daqshekk u qed nirtira dil-kawza bil-gurament 177/2020 fejn l-avukat tieghi ghamel 450 proposta l-kumpanija, kontra Abigail, kontra l-Kostituzzjoni, biex ingibhom dal-ghodu. Irid infittxhom ghal 100,000 ghadtlu le ma ghandix bzonn flus".

5. Illi ghandu jinghad li d-deputat registratur li jintaxxa l-kawza huwa l-istess deputat registratur li kien fl-awla u ghalhekk ikun sema' u fehem sew lix-xhud jixhed u n-natura u l-valur tal-pretenzjoni tieghu.

6. Illi kif intqal fis-sentenza Dr. Giuseppe Pace et vs Dr. Giuseppe Vella noe et (1/10/948) it-tassazzjoni ta' kawza ghandha tigi regolata mit-talba kontenuta fic-citazzjoni fis-sens tal-oggett taghha, u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li hu in disputa jista' jirrizulta kemm **mill-inkartament jew ragonevolment indott jew determinat minn dak**

**li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza** imma mhux minn dak li lilha jkun irid jigi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talba li tigi proposta tkunx akkolta jew michuda.

7. Illi jekk Publius Said jirnexxielu jgib provi bizzejjed biex juri li dak li qal hu stess mhux minnu, allura allura r-registratur m'ghandux ibati spejjez meta ibbaza t-tassazzjoni fuq dak li l-istess Publius Said xehed.

8. Illi ghalhekk l-esponent jirrileva illi huwa hadem it-taxxa skond l-ahjar abbilita tieghu, skond il-ligi u l-gurisprudenza u filwaqt li huwa jirrileva li joqghod ghal kwalsiasi ordni li talvolta jista' gtohrog din l-Onorabbli Qorti, jirrileva illi f'kull kaz l-esponent m'ghandux isofri ebda spejjez ta' dawn il-proceduri.

Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti."

4. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Jannar, 2022, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi, filwaqt li ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti l-Avukat Dr. Abigail Critien u l-PL Nadine Farrugia, laqgħet l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti kollha u ċaħdet it-talbiet tas-soċjeta` attriċi. B'dan illi kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"9. Jirriżulta, mill-assjem tal-argumentazzjoni imressqa fir-rikors promotur, illi s-soċjeta' rikorrenti qiegħda tikkontesta t-tassazzjoni maħruġa mir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili, fil-15 ta' Diċembru 2020, wara illi l-kawża Rikors Ġuramentat 177/2020 MH fl-ismijiet '***Fair Trading Limited vs Dr Abigail Critien et***' ġiet ċeduta mill-istess soċjeta' rikorrenti fit-30 ta' Ottubru 2020.

10. Jirriżulta illi l-proċeduri 177/2020 MH kienu proċeduri imnedija mis-soċjeta' Fair Trading Limited kontra l-Avukat Dr Abigail Critien personalment, l-uffiċċju Mifsud Bonnici Advocates u l-PL Nadine Farrugia personalment fejn, wara mija u ħames (105) premessi differenti, talbet essenzjalment is-segwenti:

a. Dikjarazzjoni li l-intimati kienu responsabbli ta' aġir kontinwat u skorrett fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti, bħala l-Avukati tagħha;

b. Likwidazzjoni tad-danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti riżultanti ta' aġir kontinwat u skorrett;

c. Kundanna ħlas tad-danni hekk sofferti u likwidati.

11. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti tikkontendi illi t-taxxa kellha tinħadem bħala '*punt ta' liġi*' u mhux '*ad valorem*' kif attwalment sar, u għalhekk it-taxxa kienet waħda skorretta.

12. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati, da parte tagħhom, ikkontendew illi t-taxxa kienet maħduma korrettement stante illi Publius Said, rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, kien indika illi d-danni minnu pretiżi kienu ammontanti għal €100,000, u dana ikkonfermah bil-gurament quddiem il-Qorti li kienet qed tisma' l-kawża 177/2020 MH qabel ma huwa sussegwentemet ċediha.

13. Jirriżulta illi l-intimati Dr Abigail Critien u l-PL Nadina Farrugia ikkontendew ukoll illi dina l-Qorti ma hijiex kompetenti rationae valoris sabiex tqis it-talbiet odjerni.

**Ikkunsidrat**

14. Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għall-eċċezzjoni preliminari imqajjma mill-intimati Dr Critien u l-PL Farrugia fejn qalu illi dina l-Qorti ma hijiex kompetenti, *rationae materiae*, sabiex tqis it-talba odjerna.

15. Il-Qorti tosserva illi t-taxxa li qiegħda tiġi attakkata hija taxxa maħruġa mir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili, bħala Reġistratur tal-Prim' Awla, Qrati Ċivili stante illi l-proċeduri li tagħhom inħarġet it-taxxa, kienu proċeduri mibdija u li kienu qed jinstemgħu quddiem il-Prim' Awla, Qorti Ċivili.

16. Jirriżulta, illi l-proċedura ta' ritassa hija kkontemplata u kunsidrata fl-Artikolu 64 tal-Kap 12, li jipprovdi dan li ġej:

*(1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizzjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika.*

*(2) Ir-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil kull min ikollu interess fih, li mbagħad ikollu għoxrin jum li matulhom ikun jista' jippreżenta risposta.*

*(3) Il-proċeduri bil-miktub li għandhom x'jaqsmu mar-rikors għandhom jitqiesu magħluqin meta ssir ir-risposta jew jekk din ma ssirx, meta jagħlaq iż-żmien mogħti għaliha. Il-partijiet għandhom jiġu notifikati bid-data meta jkun ser jinstema' r-rikors.*

17. Jirriżulta ċar illi, fid-diċitura tal-azzjoni fuq indikata, ma ssir ebda indikazzjoni partikolari dwar liema Qorti trid tisma' tali proċeduri, w il-leġislatur illimita ruħu billi qal illi "*l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti.*"

18. Jirriżulta illi l-Artikolu 24 tal-Kap 12 jipprovdi li:

*Kull provvediment dwar affarijiet li jkunu quddiem il-qrati għandu jingħata mill-qorti li tkun tagħmel minnhom, u kull rikors għal kull provvediment bħal dan għandu jsir biss lil dik il-qorti.*

19. Il-Qorti tifhem li, abbażi ta' tali diċitura, proċedura ta' ritassa trid issir quddiem l-istess Qorti illi quddiemha tkun instemgħet il-kawża li tagħha inħarġet it-taxxa li qed tiġi attakata, għalkemm dana ma jfissirx illi tali proċeduri jridu jsiru quddiem l-istess Ġudikant neċessarjament.

20. Il-Qorti tosserva illi, fil-każ odjern, it-taxxa li qed tiġi attakata tirrigwarda proċeduri li saru quddiem il-Prim' Awla, Qorti Ċivili, u għalhekk, il-proċeduri odjerni kellhom jiġu intavolati quddiem dina l-Qorti, kif komposta.

21. Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat Critien u Farrugia ma għandhiex mis-sewwa u qiegħda tiġi miċħuda.

**Ikkunsidrat**

22. Sorvolata tali eċċezzjoni preliminari, ikun opportun illi jiġi kkunsidrat kemm il-meritu tal-kawża odjerna kif ukoll l-eċċezzjonijiet imressqa, stante illi dawna lkoll jirrigwardaw l-istess fatt – jekk it-taxxa maħruġa fil-15 ta' Diċembru 2020 inħarġitx sew jew le.

23. Jirriżulta, di fatti, illi s-soċjeta rikorrenti qiegħda tinsisti illi t-taxxa kellha tinħadem bħala '*dikjarazzjoni dwar punt ta' liġi*', u dana kif stabbilit fl-Artikolu 4 (5) tal-Iskeda A tal-Kap 12, filwaqt illi l-intimati lkoll qed jinsistu illi t-taxxa inħadmet korrettement a tenur tal-Artikolu 4 (1) (f) tal-Iskeda A tal-Kap 12, li jipprovdi dan li ġej:

> *F'kawżi fejn it-talba tkun biex il-Qorti tiddikjara li l-attur ikollu xi dritt kontra xi persuna oħra, liema dritt wieħed għandu raġonevolment jassumi li jiġi segwit minn likwidazzjoni tal-ammont dovut, ukoll jekk dik il-likwidazzjoni ma tkunx ġiet mitluba fit-talba, l-attur għandu, flimkien mat-talba tiegħu, jissottometti dikjarazzjoni maħlufa li turi l-ammont bejn wieħed u ieħor li jaħseb li jkun jista' jitlob jekk jiġi stabbilit id-dritt tiegħu u l-valur li għandu jiġi intaxxat ikun il-valur dikjarat mill-attur:*

24. Jirriżulta, minn eżami approfondit tal-atti proċesswali 177/2020 MH allegati mal-proċeduri odjerni, u partikolarment ir-rikors promotur intavolat mis-soċjeta rikorrenti odjerna, illi fit-talbiet kif redatti, hemm erbgħa (4) talbiet għal dikjarazzjoni ta' responsabblita' għal danni, żewġ (2) talbiet għal-likwidazzjoni tad-danni u talba waħda għal-ħlas ta' kollox.

25. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi a differenza ta' dak iddikjarat mis-soċjeta' rikorrenti fir-rikors meritu tal-proċeduri odjerni, l-proċeduri 177/2020 MH **QATT** ma setgħu jiġu intaxxati unikament bħala '*dikjarazzjoni ta' punt ta' liġi*', kif tikkontendi s-soċjeta rikorrenti w ir-rappreżentant tagħha s-Sur Publius Said, peress illi t-talbiet magħmula fir-rikors promotur ma jillimitawx ruħhom għal talba ta' dikarazzjoni fuq punt ta' liġi, iżda jitolbu wkoll għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni, li minn natura tagħhom, għalhekk jagħmlu l-azzjoni tas-soċjeta rikorrenti waħda li tmur oltre dik ta' dikjarazzjoni fuq punt ta' liġi.

26. Jirriżulta, għalhekk, illi t-taxxa tal-proċeduri 177/2020 MH kellha tiġi maħduma skond dak ipprovdut fl-Artikolu 4 (5) tal-Iskeda A tal-Kap 12, u għalhekk ir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili kien korrett illi jikkalkola d-dritt dovut abbażi tal-Artikolu 4 (1) (f) tal-Kap 12, ossija kawża dikjaratorja li kienet tikkontempla wkoll il-likwidazzjoni ta' ammont dovut.

27. Jirriżulta, dejjem minn qari tal-atti proċesswali 177/2020 MH, illi s-soċjeta rikorrenti ma indikat ebda somma dovuta, u llimtat ruħha li tgħid li l-Qorti setgħet tillikwida u tordna l-ħlas tas-somma hekk stabbilita' minnha.

28. Hawnhekk, il-Qorti tqis illi jkun opportun illi tagħmel referenza għal dak irrilevat mill-Qorti tal-Appell fil-kawża '**Salvatore Vella et vs Reġistratur tal-Qorti**' deċiża fid-9 ta' Diċembru 2021, fejn dwar kwistjoni simili, kellha dan xi tgħid:

> *16. Ġie stabbilit minn ġurisprudenza kostanti illi "t-tassazzjoni ta' kawża għandha tiġi regolata mit-talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, mhux fis-sens limitat għas-sempliċi inkartament, iżda fis-sens ta' l-oġġett tagħha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod disputatum est) jista' jiġi raġonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni ta' l-istess kawża, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jiġi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jiġu proposti jkunux akkolti jew miċħuda" (Avv. Dr. Giuseppe Pace et v. Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 1 ta' Ottubru, 1948). Hekk ukoll, ġie ritenut illi "meta l-massa litiguża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni għandha tiġi regolata fuqu; jiġifieri għandu jiġi studjat u eżaminat x'ikun l-oġġett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem ..." (Carmelo Axiak v. Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' Frar, 1951). Dejjem fl-istess sens id-deċiżjoni fl-ismijiet Leslie Grech nomine v. Frank Abela et, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 25 ta' Jannar, 2002 u Loris Bianchi et v. Dottor Victor Borg Costanzi nomine, Appell Ċivili, 17 ta' April, 1978.*
>
> *17. Kif qalet l-ewwel Qorti, it-taxxa hija bażata fuq l-Artikolu 4(1)(f) tat-Tariffa A tal-iSkeda A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta) li jiddisponi kif ġej:*
>
> > *"F'kawżi fejn it-talba tkun biex il-Qorti tiddikjara li l-attur ikollu xi dritt kontra xi persuna oħra, liema dritt wieħed għandu raġonevolment jassumi li jiġi segwit minn likwidazzjoni tal-ammont dovut, ukoll jekk dik il-likwidazzjoni ma tkunx ġiet mitluba fit-talba, l-attur għandu, flimkien mat-talba tiegħu, jissottometti dikjarazzjoni maħlufa li turi l-ammont bejn wieħed u ieħor li jaħseb li jkun jista' jitlob jekk jiġi stabbilit id-dritt tiegħu u l-valur li għandu jiġi intaxxat ikun il-valur dikjarat mill-attur; Iżda f'ebda każ id-dritt intaxxat ma għandu jkun inqas minn € 700".*
>
> *Kif qalet il-ġurisprudenza, jekk tali dikjarazzjoni ma tiġix ppreżentata, allura t-taxxa tinħadem fuq il-massa litiġuża li tindika l-ammont li fuqha l-attur ikun ibbaża t-talba tiegħu.*

29. Jirriżulta illi fix-xhieda illi r-rappreżentant tas-soċjeta rikorrenti, Publius Said, fix-xhieda tiegħu mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2020, qal dak li ġej:

> *L-unika wieħed kien hemm Dr. Gatt ir-registry għidtlu bil-problema tiegħu xi tmien xhur ilu dan u daħħalni ġo problema waħda ġol-oħra. Jien għandi 71 sena, ħalluni, ddaħluniex fi problemi, dik ħadet il-flus, missieri miet jien m'għandix x'naqsam dħalt fiha. ... ħuti l-werrieta ħalliena bil-problemi missieri. Ħadt responsabbilita' u sirt direttur tal-kumpanija jien għax kien hemm dejn ta' 300,000… Ir-reġistru ħadimha 2000 minn 5000. Nirringrazzjak li smajtni daqshekk u qed nirtira dil-kawża bil-ġurament, 177/2020 fejn l-avukat tiegħi għamel 450 proposta l-kumpanija, kontra Abigail, kontra l-Kostituzzjoni, biex inġibhom dal-għodu.* ***<u>Irid infittxhom għal 100,000 għedtlu le ma għandix bzonn flus</u>****. Issa skont x' jiddeċiedi l-appell niddeċiedi x' kawża nagħmel. Jekk ikolli raġuni meta l-kawża ta' missieri ġiet ihhendiljata minn Imħallef meta kellna kwistjoni meta kien Ministru għal Għawdex. Jien lil Dr. Abigail ma għandi xejn kontriha. Lil PL qatt ma kont nafha ħaduli biċċa art, ġiet biex tagħmilli rikors, għidtilha tihieli qabel ma niffirmalek qalti mhux ħa tgħidli x' għandek tagħmel. Ġo kawża li mhix tiegħi. Il-177/2020 jekk il-Qorti tagħtini l-flus lura, qed nirtiraha llum għax ma tagħmilx sens komun. La Dr. Bonnici la Dr. Abigail ma nħosshomx li għandhom tort. Jien dawn ħa ntellagħhom.*

30. Jirriżulta, minn tali xhieda, illi hemm indikazzjoni ċara li għalkemm is-soċjeta tiddikjara li kellha €300,000 f'dejn, hija intavolat il-proċeduri odjerni għal danni fl-ammont ta' €100,000, liema danni, għalkemm l-istess Publius Said jgħid illi lill-avukat tiegħu saħaq li qallu "*le ma għandix bżonn flus*", xorta waħda jidher illi t-talba kontra l-intimati saret għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni.

31. Jirriżulta wkoll illi, flimkien mar-rikors promotur, is-soċjeta rikorrenti, in vista tat-talbiet kif redatti, kienet naqset milli tissottometti dikjarazzjoni maħlufa li tindika l-ammont minnha pretiż, kif kienet obbligata tagħmel a tenur tal-Artikolu 4 (1) (f) tal-Iskeda A, fuq ġia riprodotta, bir-riżultat illi, a tenur tal-Artikolu 4 (3) ta' l-istess Skeda A, ir-Reġistratur kellu d-dritt "*li joħroġ taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-każ*", liema dritt huwa eżerċita meta fil-15 ta' Diċembru 2020 inħarġet it-taxxa finali tal-proċeduri.

32. Jirriżulta illi, mill-'*massa litiġjuża*' kif riżultanti mill-atti proċesswali, li jinkludu **<u>partikolarment</u>** ix-xhieda bil-ġurament ta' Publius Said mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2020, il-valur tad-danni pretiżi kien indikat fl-ammont ta' €100,000, u għalhekk ir-Reġistratur kien korrett jasal għal-konklużjoni illi, la darba ma saret ebda indikazzjoni mis-soċjeta rikorrenti dwar kemm kien l-import tad-danni minnha pretiżi, il-valur tal-kawża kellha tiġi maħduma fuq l-

ammont ta' €100,000, ammont dikjarat mir-rappreżentant tas-soċjeta rikorrenti innifisha, is-Sur Publius Said.

33. Jirriżulta, għalhekk, illi, a differenza ta' dak li qiegħda tinsisti s-soċjeta rikorrenti permezz tal-proċeduri odjerni, it-taxxa maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti fil-15 ta' Diċembru 2020 hija waħda korretta u għalhekk it-talbiet rikorrenti ma jistħoqqilhomx illi jiġu milqugħa minn dina l-Qorti.

**Kummenti finali**

34. Il-Qorti tħoss, madanakollu, illi għandha tieħu l-opportunita' ta' tali proċeduri sabiex tgħaddi kumment u suġġeriment lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili, dwar il-mod kif tiġi redatta it-Taxxa finali.

35. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, la darba t-taxxa inħadmet a tenur tal-Artikolu 4 (1) (f) tal-Iskeda A fuq l-valur ta' €100,000, id-dritt reġistru kellu jkun ta' €2,155.50, liema dritt iżda kellu jigi ridott bil-ħamsin fil-mija (50%) għal €1,077.75 abbażi tal-Artikolu 5 (1) tal-Iskeda A stante illi l-kawża ġiet ċeduta wara l-ewwel smigħ tal-kawża iżda mhux aktar tard mit-tielet seduta.

36. Jirriżulta, di fatti, li skond id-dokumentazzjoni annessa mhux mal-atti proċesswali iżda mal-cover tal-proċess 177/2020 MH u li ma jiffurmawx parti it-Taxxa finali, il-kalkolu tad-dritt Reġistru stabbilit mir-Reġistratur kien maħdum għall-ammont ta' €1,077.75.

37. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi fit-Taxxa finali maħduma fil-15 ta' Diċembru 2020, hemm indikat bħala valur tar-Reġistru is-somma ta' €377.75 u mhux is-somma fuq indikata ta' €1,077.33. Dana huwa dovut għal fatt illi, attwalment, mal-preżentata tal-proċeduri da' parte tas-soċjeta rikorrenti, l-istess soċjeta rikorrenti kienet ħallset dritt ta' €700, liema ammont, sussegwentement, tnaqqsu mill-ammont finalment dovut, u għalhekk kien fadal bilanċ ta' €377.75 dovut mis-soċjeta rikorrenti.

38. Il-Qorti tħoss illi kien ikun ferm aktar idoneu u trasparenti kieku, fit-Taxxa maħruġa fil-15 ta' Diċembru 2020, ikun hemm indikat il-valur intjier dovut mis-soċjeta rikorrenti kif ukoll il-ħlasijiet li kienu ġia saru akkont ta' tali drittijiet, biex b'hekk il-kont finali jkun jista' jinftiehem mhux biss mill-addetti tal-Qorti iżda wkoll miċ-ċittadin komuni illi għandu dritt jifhem b'aktar ċarezza dak illi huwa minnu dovut u għalxiex.

> 39. Għalhekk, il-Qorti tħeġġeġ lir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, sabiex, fil-futur, itejjeb il-modalita' dwar kif jiġi redatt it-Taxxa finali tal-kawża, sabiex tali taxxa tkun tinkludi kemm dak illi huwa dovut kif ukoll dak illi ġia tħallas, sabiex jiġi assikurat trasparenza w jiġi mxejjen kwalsiasi inkomprensjoni li wieħed jista' jkollu jekk jara Taxxa finali mingħajr ma jkollu indikazzjoni ta' xi ħlasijiet ġia saru."

6. Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjeta` appellanti li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti, sabiex filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Jannar, 2022, fl-ismijiet premessi sa fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Dr. Abigail Critien u l-PL Nadine Farrugia, tħassarha u tirrevokaha fil-bqija tagħha u minflok tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellati Dr. Abigail Critien u l-PL Nadine Farrugia, kif ukoll tiċħad l-eċċezzjonijiet tar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali u minflok tilqa' t-talbiet kollha tas-soċjeta` attriċi. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

7. Rat ir-risposta tal-konvenuti l-Avukat Dr. Abigail Critien u l-PL Nadine Farrugia, li permezz tagħha talbu lil din il-Qorti tiċħad l-appell tas-soċjeta` appellanti u b'hekk tikkonferma d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fl-ismijiet premessi, mogħtija fil-11 ta' Jannar, 2022. Bl-ispejjeż doppji taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

8. Rat li minkejja li l-konvenut Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali kien debitament notifikat, ma ressaq l-ebda risposta.

9. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat l-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

**Ikkonsidrat:**

11. Illi l-azzjoni mressqa mis-soċjeta` attriċi appellanti hija waħda ta' ritassa tat-taxxa maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti, dwar il-kawża fl-ismijiet **Fair Trading Limited v. Avukat Abigali Critien *de proprio et***, ċeduta waqt is-seduta tat-30 ta' Ottubru, 2020, li kienet iġġib referenza 177/2020. Tali azzjoni fejn tiġi attakkata taxxa ta' spejjeż ġudizzjarji, hija kontemplata fl-Artikolu 64 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Is-soċjeta` appellanti tikkontesta d-deċiżjoni tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali li tinħadem it-taxxa fuq bażi ta' likwidazzjoni ta' danni bil-valur ta' €100,000, peress li ssostni li din is-somma ma tirriżulta minn imkien u t-talbiet attriċi fil-kawża 177/2020 kienu *da liquidarsi.* Filwaqt li l-attriċi tisħaq fuq il-prinċipju *quod non est in actis non est in mundo,* u tislet xi siltiet mill-ġurisprudenza f'dan is-sens, issostni li ladarba ma ssemmiet ebda figura fir-rikors promotur, anzi t-talbiet kienu *da liquidarsi,*

li t-taxxa f'dik il-kawża kellha tinħadem fuq punt ta' liġi u mhux *ad valorem,* iżda ċertament ma kellhiex tinħadem fuq il-valur ta' €100,000 li qatt ma ntalab minnha. Kwindi ttenni li t-taxxa tal-kawża hija waħda eċċessiva u nħadmet inkorrettement. Għalhekk talbet lill-Qorti: (i) tiddikjara t-taxxa tad-drittijiet u spejjeż tal-kawża **Fair Trading Limited v. Avukat Abigali Critien *de proprio et***, bin-numri 177/2020 erronea u mhux skont il-liġi u għalhekk nulla u invalida; (ii) tordna t-tħassir tal-istess taxxa; (iii) tordna lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali joħroġ taxxa ġdida bbażata fuq punt ta' liġi; (iv) jew tordna lir-Reġistratur joħroġ taxxa ġdida tal-imsemmija kawża fuq dak il-valur li jirriżulta lill-Qorti, jiġifieri li tkun limitata għal punt ta' liġi. Bl-ispejjeż.

12. Il-konvenuti l-Avukat Dr. Abigail Critien u l-PL Nadine Farrugia ressqu numru ta' eċċezzjonijiet fosthom: (I) in-nuqqas ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *rationae valoris;* (II) li t-taxxa in kwistjoni nħadmet korrettement; (III) kuntrarjament għal dak li jingħad fir-rikors promotur, kien l-istess rappreżentant tas-soċjeta` attriċi li ndika l-ammont ta' €100,000 fix-xhieda tiegħu u għalhekk it-taxxa kellha tinħadem fuq is-somma li kienet qegħda tiġi pretiża; (IV) it-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda; (V) fi kwalunkwe każ, m'għandhomx jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż tal-kawża peress li t-taxxa ma nħadmitx minnhom.

13. Rat ir-risposta tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali li biha ġie eċċepit: (a) li s-soċjeta` attriċi qegħda tattakka t-taxxa magħmula mir-Reġistratur fil-kawża **Fair Trading Limited v. Avukat Abigali Critien *de proprio et***, (Rikors Numru 177/2020); (b) li dik il-kawża kienet dwar dikjarazzjoni ta' kundanna għall-ħlas ta' danni, liema danni kellhom jiġu likwidati mill-Qorti; (ċ) peress li l-kawża ġiet ċeduta u ma ġewx likwidati d-danni, id-dritt tar-Reġistru ġie mnaqqas bin-nofs peress li ġiet ċeduta fl-ewwel seduta (para. 5(1) tat-Tariffa A, Kap. 12) filwaqt li anke d-dritt tal-avukat ġie mnaqqas bin-nofs skont il-para. 29 tat-Tariffa E annessa mal-Kap. 12; (d) id-Deputat Reġistratur kellu jara mill-atti tal-kawża x'valur joħroġ minnhom u mix-xhieda ta' Publius Said irriżulta li ssemmiet is-somma ta' €100,000; (e) id-Deputat Reġistratur li jintaxxa l-kawża huwa l-istess wieħed li kien fl-awla u għalhekk ikun sema' lix-xhud jixhed u fehem in-natura u l-valur tal-pretensjoni tiegħu; (f) kif ingħad drabi oħra mill-Qrati tagħna, it-tassazzjoni ta' kawża għandha tiġi regolata mit-talba taċ-ċitazzjoni, kif ukoll il-kumpless ta' dak li hu *in disputa*, li jista' jirriżulta kemm mill-inkartament jew raġonevolment indott jew determinat minn dak li jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, indipendentement mill-fatt jekk it-talba li tiġi proposta tkunx akkolta jew miċħuda; (ġ) m'għandux ibati spejjeż meta ibbaża t-tassazzjoni fuq ix-xhieda tal-istess rappreżentant tas-soċjeta` attriċi; (g) huwa ħadem it-taxxa skont il-liġi u l-ġurisprudenza, iżda joqgħod għal kwalsiasi ordni li l-Qorti tista' toħroġ. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

14. L-ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża fis-sens li ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti l-Avukat Dr. Abigail Critien u l-PL Nadine Farrugia, iżda laqgħet l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tal-istess konvenuti u tar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali u ċaħdet it-talbiet tas-soċjeta` attriċi. B'dan illi, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

15. Is-soċjeta` attriċi ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponiet appell minnha. L-appell tagħha jissejjes fuq żewġ aggravji:

(1) Interpretazzjoni żbaljata tal-liġi u

(2) Apprezzament żbaljat tal-fatti.

16. Illi s-soċjeta` appellanti tilmenta dwar il-fatt li l-ewwel Qorti rriteniet li kellhom japplikaw paragrafu 4(1)(f) u paragrafu (3) tal-Iskeda A tal-Kap. 12, u tgħid li l-ewwel Qorti kellha tagħmel referenza għal artikoli oħra tal-liġi. Tajjeb li jiġi ppreċiżat li l-provvedimenti li għalihom għamlet referenza l-ewwel Qorti, jitrattaw id-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-Reġistri tal-Qrati. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-ewwel Qorti adottat il-provvedimenti applikabbli għall-każ in eżami. Madankollu, b'żieda ma' dawn il-provvedimenti tal-liġi, huwa relevanti wkoll il-paragrafu 14 tat-Tariffa E tal-

Kap 12, li jitratta d-drittijiet li jitħallsu lill-Avukati u Prokuraturi Legali, li fih jingħad:

> *"14. Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat, jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabilit."*

Ċertament dan huwa l-provvediment tal-liġi li wkoll japplika għall-każ in eżami. Mentri l-paragrafu 13 tal-istess Tariffa E proprju jaħseb proprju għar-rata li biha jitħallsu l-imsemmija drittijiet.

17. Din il-Qorti ma taqbilx mas-soċjeta` attriċi appellanti meta jingħad minnha li t-taxxa kellha tinħadem fuq punt ta' dritt, in kwantu għalkemm fir-rikors promotur ma ngħatat l-ebda somma u t-talba tagħha kienet waħda *da liqudarsi,* minkejja li mhux kull dikjarazzjoni mitluba bilfors għandha valur marbut magħha, din il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti li n-natura tal-kawża mressqa minnha kienet waħda purament ta' natura dikjaratorja. Il-ġurisprudenza tagħna tgħallem li għalkemm l-attur f'kawża jkun talab somma indeterminata, pero` f'xi skrittura jew fl-atti tal-proċeduri jkun hemm tirriżulta somma, jew wieħed jista' xort'oħra jislet is-somma tal-pretensjoni attriċi, allura t-tassazzjoni ssir fuq dik is-somma.

18. Tajjeb li jiġu mfakkra ċertu prinċipji relevanti in materja. Fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-15 ta' Lulju, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **Avukat Dottor Carmelo Galea v. Silvio Zammit et**, ingħad:

> ***"... t-tassazzjoni ta' kawza ghandha tigi regolata mit-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni, mhux fis-sens limitat ghas-semplici inkartament, izda fis-sens ta' l-oggett taghha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod disputatum est) jista' jigi ragonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni ta' l-istess kawza, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jigi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jigu proposti jkunux akkolti jew michuda****" ("Avv. Dr. Giuseppe Pace et -vs- Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et", Prim' Awla, Qorti Civili, 1 ta' Ottubru, 1948). Ugwalment, gie ritenut illi "meta l-massa litiguza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuqu; jigifieri ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem "Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Frar, 1951). Dejjem fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet "Leslie Grech nomine -vs- Frank Abela et", Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Jannar, 2002 u "Loris Bianchi et -vs- Dottor Victor Borg Costanzi nomine", Appell Civili, 17 ta' April, 1978;"*
>
> (enfasi ta' din il-Qorti)

Filwaqt li fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-1 ta' Lulju, 2013, fil-kawża fl-ismijiet **Frances sive Franca Camilleri v. Direttur Qrati u Tribunali ta' Malta**, ngħad ukoll:

> "*Illi fid-dritt huwa stabilit li t-tassazzjoni tad-drittijiet ġudizzjarji hija mħarsa mill-prinċipju li wieħed iħares lejn it-talba li tkun saret jew mis-sentenza li tkun ingħatat meta s-somma m'hijiex determinabbli mit-talba.* ***Bil-kelma "talba" wieħed jifhem il-qofol tal-kwestjoni mqanqla bil-proċess ġudizzjarju, u mhux sempliċement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Tali prinċipju m'huwiex wieħed inflessibbli għaliex huwa kwalifikat bil-prinċipju li t-tassazzjoni tista' tinstilet minn dak li f'kawża jissejjaħ "il complesso del tema contenzioso" minn fejn wieħed jista' jsib xi jkun tassew il-valur tal-kontestazzjoni***".
>
> (enfasi ta' din il-Qorti)

19. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, din il-Qorti wara li rat ix-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi, kif ukoll l-atti tal-kawża, ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konklużjoni milħuqa mill-ewwel Qorti. Kien l-istess rappreżentant tas-soċjeta` attriċi li semma s-somma ta' €100,000. Huwa wkoll mill-aktar inkongruwu li fir-rikors tal-appell tissemma s-somma ta' €5,000, li kienet ukoll issemmiet fix-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi, bħallikieku din kienet is-somma li kienet qegħda tintalab da parti tas-soċjeta` appellanti fil-kawża li ġġib referenza 177/2020, mentri din is-somma ta' €5,000 issemmiet fil-kuntest tad-drittijiet kif maħduma mir-Reġistru tal-Qorti. Hekk ukoll, hija rrelevanti r-referenza li ssir mis-soċjeta` appellanti għat-taxxa uffiċjali tal-proċeduri li jġibu referenza 4/2014 u għall-Mandat ta' Sekwestru 910/2019, li m'għandhomx x'jaqsmu mal-kuntest tal-każ in eżami. Isegwi li l-ewwel aggravju tas-soċjeta` appellanti ma jimmeritax li jiġi milqugħ.

20. Fir-rigward tat-tieni aggravju, l-appellanti tirreferi għax-xhieda tar-rappreżentant tagħha, kif ċitata mill-ewwel Qorti, f'paragrafu 29 tas-sentenza appellata, u tilmenta li l-ewwel Qorti ma tatx piż il-fatt li l-appellanti kienet mingħajr rappreżentant legali. Kien għalhekk li naqset milli tissottometti dikjarazzjoni maħlufa li tindika l-ammont mitlub skont il-paragrafu 4(1)(f) tal-Iskeda A, bir-riżultat li r-Reġistratur ħareġ it-taxxa tal-15 ta' Diċembru, 2020, in kontestazzjoni, skont il-paragrafu 4(3) tal-istess

Skeda A. Hija tikkontendi li għall-fini tat-taxxa, kellu jiġi applikat il-paragrafu 4(5) tal-Iskeda A u mhux dawk li ngħad mill-ewwel Qorti. Tilmenta li r-Reġistratur ma talabx lill-partijiet jagħmlu dikjarazzjoni konġunta tal-valur tas-somma li għandha tiġi hekk likwidata għall-fini li tinħadem it-taxxa tal-kawża. Ittenni li t-taxxa tal-kawża 177/2020 kellha tinħadem fuq punt ta' liġi u mhux *ad valorem.* Tilmenta li meta l-ewwel Qorti għamlet referenza għas-somma msemmija mir-rappreżentant tagħha ta' €100,000 ma qisetx li huwa qal ukoll li m'għandux bżonn flus. Issostni wkoll li l-fatt li l-ewwel Qorti ħasset il-ħtieġa li tgħaddi suġġeriment lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili dwar kif tiġi redatta t-taxxa finali, ifisser li l-affarijiet ma sarux kif fil-fatt kellhom isiru.

21. Dwar l-ilment tal-appellanti li ma kenitx debitament assistita meta ngħatat x-xhieda tar-rappreżentant tagħha, jiġi osservat li mill-verbal tas-seduta tat-30 ta' Ottubru, 2020, jirriżulta li l-ewwel Qorti kienet wissiet lir-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi:

> *"Is-Sur Leo Said jinforma l-Qorti li ma jridx ikun assistit minn avukat f'dawn il-proċeduri dan minħabba prinċipju tiegħu u dan minkejja li l-Qorti wissiet lill-istess attur.*
>
> *Il-Qorti tivverbalizza li għal diversi drabi wissiet lill-attur bil-konsegwenza li jċedi l-kawża meta ma hux patroċinat u baqgħet tinsisti li l-kawża tiġi differita u jsib avukat. Is-Sur Said baqa' jinsisti li jiddeponi u jagħti spjegazzjoni ta' dak li qed jokkorri."*

Filwaqt li mill-istess traskrizzjoni tax-xhieda quddiem l-istess Qorti jirriżulta:

> *"Qorti: Inti hawnhekk mhux qed timxi fil-vesti personali tiegħek, agħtini ċans, bħala direttur ta' soċjeta` mela dak li qed tagħmel inti llum qed tagħmlu f'isem ħaddieħor ħalli tifhem x'qed ngħidlek. Kull deċiżjoni li ħa tieħu inti ħa teħodha b'responsabbiltà kbira f'isem entità legali differenti. Jekk inti ħa tagħmel xi ħaġa li s-soċjeta` ma togħġobhiex ħa ddur fuqek. Qed tifhem x'qed ngħidlek?"*
> *Xhud: Ħafna*
> *Qorti: tidher irrabjat għax kellek xi tgħid mal-avukat tiegħek. Il-parir tiegħi huwa li tinżel min hemm mnejn inti, lili ma tgħidli xejn x'ġara u x'ma ġarax, jekk ma terġax tirranġa mal-avukat tiegħek tieħu release mingħand l-avukat tiegħek u ġġib avukat ieħor.*
> *Xhud: Ma sibtx."*

Isegwi li minkejja t-twissija mogħtija mill-ewwel Qorti sabiex is-soċjeta` attriċi jkollha avukat, ir-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi, baqa' jinsisti li jixhed u jċedi l-kawża, kwindi issa m'għandux jiġi milqugħ l-ilment tal-appellanti dwar ix-xhieda mogħtija fin-nuqqas ta' assistenza legali.

22. Barra minn hekk, għalkemm huwa minnu li s-soċjeta` attriċi appellanti m'għamlitx dikjarazzjoni maħlufa flimkien mat-talba tagħha, fl-ewwel lok, jirriżulta li meta ġie ntavolat ir-rikors promotur, dan ġie debitament iffirmat minn avukat. Fit-tieni lok u fi kwalunkwe każ, minkejja li l-appellanti tittanta ssaħħaħ it-teżi tagħha li l-kawża kienet titratta talba għal dikjarazzjoni dwar punt ta' liġi li kien ifisser li d-dritt tar-Reġistru kellu jinħadem skont il-paragrafu 4(5) tal-Iskeda A, din il-Qorti żżomm ferm mal-fehma tagħha kif imfissra f'paragrafi 16 u 17 ta' din is-sentenza fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel aggravju u tqis li ma hemm xejn

ta' sustanza f'dan it-tieni aggravju li jimmerita bidla fil-fehma ta' din il-Qorti. Sa fejn l-appellanti tilmenta li r-Reġistratur ma talabx lill-partijiet sabiex jagħmlu dikjarazzjoni konġunta, jiġi ribadit li r-Reġistratur jista' jagħmel użu minn diversi metodi ta' kif jagħmel it-taxxa, f'dan il-każ il-pretensjoni tal-appellanti rriżultat mix-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi appellanti u għalhekk ir-Reġistratur ma kellux il-ħtieġa li jirrikorri għad-dikjarazzjoni msemmija mill-appellanti. Lil hinn mid-dikjarazzjoni tar-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi, li m'għandux bżonn flus, jibqa' l-fatt li l-kawża ntavolata minnha kienet waħda sabiex tiġi misjuba fil-konvenuti responsabbilta` għad-danni, li ssir likwidazzjoni tad-danni u li l-konvenuti jiġu kkundannati li jħallsu l-istess danni, filwaqt li minn qari tax-xhieda tiegħu jirriżulta ċar li l-pretensjoni tagħha kienet li *"infittixhom għal €100,000"*. Tara minn fejn tara tali dikjarazzjoni, l-konklużjoni tal-ewwel Qorti hija fiċ-ċirkostanzi meqjusa bħala waħda ġusta.

23. Fir-rigward tas-suġġeriment tal-ewwel Qorti sabiex ir-Reġistratur tal-Qorti jagħmel aktar ċar il-valur intier li jkun dovut mill-atturi fit-taxxa finali, kif ukoll il-ħlasijiet li jkunu saru akkont ta' tali drittijiet, u t-tnaqqis li jrid isir fid-dritt tar-Reġistru f'każ ta' ċessjoni ta' kawża (f'dan il-każ ta' 50%), sabiex il-kont finali jkun jista' jinftiehem miċ-ċittadini, huwa biss suġġeriment li jimmerita li jiġi segwit. Iżda dan bl-ebda mod ma jfisser li kien hemm xi affarijiet fit-taxxa finali li ma sarux kif kellhom fil-fatt isiru.

Huwa sempliċement suġġeriment ta' kif l-affarijiet jistgħu jsiru aħjar, bil-għan li ċ-ċittadin ikun jista' jifhem aħjar it-taxxa finali maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti. Għalhekk lanqas dan l-aggravju ma jista' jwassal għar-riżultat li tixtieq l-appellanti.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-soċjeta` attrici, billi tiċħad l-istess u tikkonferma fis-sħiħ is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Jannar, 2022, fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjeż tal-prim' istanza jibqgħu kif deċiż mill-ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu a karigu tas-soċjeta` attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr